**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**
**ID-DISA LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 10 ta' Ġunju 2025, fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fi 392 Triq il-Vitorja Ħal Qormi, Ħal Qormi fis-6.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento – Sindku
Xandru Mallia – Viċi Sindku
Ralph Puli - Kunsillier
Daniel Ablett - Kunsillier
Jurgen Abela - Kunsillier
Fiona Borg Lewis - Kunsillier
Marvin Zammit - Kunsillier
Elke Cassar Sghendo - Kunsillier
Alessio Decarlo - Kunsillier
Doris Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOGIJA**

Nicholai Falzon - Kunsillier

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marilyn Baldacchino Gatt – Deputat Segretarju Eżekuttiv

**17.1 TALBA**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fetaħ il-laqgħa billi qal it-talba.

**17.2 Qari ta' Ittri ta' Apoloġija**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsillier Nicholai Falzon ma setgħetx jattendi għas-seduta minħabba impenji tal-iskola.

**17.3 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 16**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Minuti 16 li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika u meħuda bħala moqrija, għall-approvazzjoni.

**17.4 Emendi fil-minuti**

Ma kienx hemm emendi għal-Minuti Nru 16

**17.5 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2025.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ppropona l-approvazzjoni tal-iskeda ta' ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Xandru Mallia** issekonda l-iskeda ta' ħlasijiet.

Il-Kunsill approva l-iskeda ta' ħlasijiet għax-xahar ta' Mejju 2025 u l-iskeda tal-Petty Cash ghax-xahar ta' Mejju 2025.

**17.6 Riżoluzzjonijiet**

**17.6.1 Riżoluzzjoni Nru 09 (IX) - SPI/SCI/04/2025-Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Milied 2025**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** qegħda tagħmel referenza għall-Espressjoni ta' Interess SPI/SCI/04/2025 – Finanzjament Milied 2025.

Għal din l-espressjoni ta' interess qed tiġi mressqa din ir-riżoluzzjoni sabiex tiġi preżentata lista ta' attivitajiet għal żmien il-Milied.

Fost dawn l-attivitajiet hemm propost li:

Isir marċ tal-Milied mit-tliet baned Qriema u jiġu armati stalls b'affarijiet tal-Milied fi Triq San Bartolomew bejn Triq San Bastjan sa Triq il-Kbira.

Minn Ottubru 2025 jibda isir kors tal presepji u dakinhar tal-attività issir wirja tal-presepji maħduma waqt il-Kors.

Waqt il-miġja tas-slaten Maġi jitqabbad kor tal-Milied tat-tfal gol-knisja

Il kumplament tal-fondi se jintużaw sabiex insebbħu it-toroq bid-dawl tal-Milied.

**Il-Kunsiller Fiona Borg Lewis qed t**ipproponi l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 09 (IX)

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issekondat.

Ivvutaw favur l-għaxar kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 09 (IX) ġiet approvata.

17.6.2 **Riżoluzzjoni Nru 10 (IX) - SPI.SCI.06.2025 - Fondi ta' Manutenzjoni u sostenn ta proġetti infrastrutturali maġġuri**

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** qegħda tagħmel referenza għal-iskema SPI.SCI.06.2025 - Fondi ta' Manutenzjoni u sostenn ta proġetti infrastrutturali maġġuri u qed tipproponi li tapplika sabiex isir tisbiħ tar-roundabout fejn hemm il-monument ta' Pinto fi Triq Manwel Dimech.

Ix-xogħlijiet mistennija jekk tiġi approvata din l-applikazzjoni għandhom ikunu it-tqattiħ ta' trinek għad-dawl biex idawwlu l-madwar tar-roundabout kif ukoll disinn mill-ġdid tas-sit li b'hekk tingħata dehra isbaħ u inżommu l-karatteristiċi ta' disinn oriġinali.

**Il-Kunsiller Fiona Borg Lewis qed t**ipproponi l-approvazzjoni ta' Riżoluzzjoni Nru 10 (IX)

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** issekondat.

Ivvutaw favur l-għaxar kunsilliera preżenti.

Ma kien hemm ħadd kontra u ma kien hemm l-ebda astensjoni.

Riżoluzzjoni Nru 10 (IX) ġiet approvata.

## 17.7 MOZZJONI

**17.7.1 MOZZJONI NRU 14 (IX) -** Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – '*Carrying Capacity*' għall-lokalità ta' Ħal Qormi

**Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Ralph Puli**

Dan il-Kunsill għandu jara li mill-aktar fis possibbli jsir studju dwar il-*carrying capacity* fil-lokalità sabiex minnu joħroġ dawn ir-riżultati hawn taħt imsemmija:

**Definizzjoni:**
"Studju dwar il-'*Carrying Capacity*"' huwa essenzjali għal kull lokalità sabiex jevalwa u jiddetermina kemm il-l lokalità tiflaħ għal żvilupp, popolazzjoni jew attivitajiet oħra li ikunu jistgħu jibqgħu jsiru b'mod sostenibbli, mingħajr ma tagħmel ħsara lill-ambjent, l-infrastruttura jew il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. L-istudju tal-carrying capacity jitkellem ukoll fuq il-massimu li raħal jew belt tista' tilħaq qabel ma tibda tiddeterjora u ssir insostenibbli.

**Għanijiet tal-Istudju:**
- Biex isiru studji tal-'*Carrying capacity*' għal lokalità li permezz tiegħu jiġu żgurati l-investimenti infrastrutturali meħtieġa għal-lokalità għas-snin li ġejjin.
- Biex jiġu informati l-awtoritajiet tal-ippjanar u allura jiġu aġġornati l-*policies* neċessarji.
- Biex jiġi evitat żvilupp żejjed li jwassal għal degradazzjoni ambjentali;
- Biex jinkiseb bilanċ bejn tkabbir ekonomiku u sostenibbiltà ekoloġika u soċjali.

**Parametri Ewlenin li għandhom jiġu Analizzati:**
**Kapaċità Ambjentali – inkluż iżda mhux limitat għal:**
- Provvista tal- ilma
- Maniġġjar tal-iskart (eż. drenaġġ)
- Kwalità tal-arja
- Żoni ħodor u jew kosti li joffru kwalità ta' ħajja aħjar lir-residenti

**Kapaċità ta' Infrastruttura - inkluż iżda mhux limitat għal:**
- Toroq u traffiku
- Trasport pubbliku

- Provvista tal-elettriku
- Aċċess pedonali anke li jakkomodaw l-aċċess b'mod sostenibbli għad-djar residenzjali
- Aċċessibilta' għal persuni bi bżonnijiet partikolari

**Servizzi Soċjali - inkluż iżda mhux limitat għal:**
- Kura tas-saħħa
- Edukazzjoni
- Servizzi ta' emerġenza u sigurtà

**Identita` - inkluż iżda mhux limitat għal:**
- Sports
- Kultura u Wirt Storiku
- Tradizzjonijiet

**Użu tal-Art u re-zoning;**

**Pjanijiet (inkluż iżda mhux limitat) għal sitwazzjonijiet ta' emerġenza**

**Riżultati mistennija minn din il-mozzjoni:**
- Linji gwida jew regolamenti dwar densità tal-bini;
- Proposti għal titjib infrastrutturali;
- Żoni ta' konservazzjoni ambjentali;
- Limitu massimu ta' residenti jew turisti;
- Użu sostenibbli tal-art li taqa' taħt id-domiċilju tal-kunsill lokali.

**Fil-Prattika:**
Tali studji għandhom jsiru minn esperti fil-qasam, awtoritajiet governattivi li jgawdu r-rispett u stima soċjali, qabel ma jsiru proġetti ta' żvilupp kbar, ippjanar ta' bliet jew ippjanar tat-turiżmu, sabiex jiġi evitat tkabbir li mhux sostenibbli u tiġi żgurata l-kwalità tal-ħajja fit-tul.

**It-Triq 'il Quddiem:**
Dawn l-istudji għandhom jiġu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali jew mill-Awtorita' tal-Ippjanar permezz ta' fondi nazzjonali u LI MA JITTIEĦDUX MILL-FONDI TAL-ISTESS KUNSILL LOKALI DIRETTAMENT/INDIRETTAMENT.
Ukoll, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe responsabbiltà jew deċiżjoni relatata mat-twettiq ta' dan l-istudju.

**Saret diskussjoni bejn il-membri:**

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** staqsa għaliex ma saritx talba għal-Malta kollha f'daqqa.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** semmiet li hemm l-awtoritajiet li jistgħu jagħmlu dan l-istudju.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** qal li hu tal-fehma li jekk għandha issir talba, din għandha tkun fuq skala nazzjonali.

**Il-Kunsillier Ralph Puli** ippropona l-approvazzjoni tal-Mozzjoni.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela, Alessio De Carlo u Doris Zammit** issekondaw il-Mozzjoni.

Ivvutaw favur il-Kunsillier Ralph Puli, il-Kunsillier Jurgen Abela, il-Kunsillier Alessio De Carlo u il-Kunsillier Doris Zammit

Ivvutaw kontra is-Sindku Dr Josef Masini Vento, il-Viċi Sindku Xandru Mallia, il-Kunsillier Daniel Ablett, il-Kunsillier Fiona Borg Lewis, il-Kunsillier Marvin Zammit u il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo.

Mozzjoni NRU 14 (IX) ma ġietx approvata.

## 17.8 Komunikazzjoni tas-Sindku

### 17.8.1 Posti tal-Gabbani fil-Festa ta' San Gorg

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara li ittieħdet id-deċiżjoni fis-Seduta Nru 16. li xi posti tal-gabbani tal-festa jispiċċaw u cioe dawk fi Triq in-Nutar Antoine A Agius, inkluż il-posta fil-kantuniera ma Triq il-Wied (naħa tar-razzett l-antik) u dawk viċin u faċċata tal-Oasis fi Triq il-Wied; u minflok jittellgħu bil-polza sabiex il-gabbani jarmaw fil-posti diġà eżistenti fi Triq il-Wied faċċata tal-Klabb tal-Boċċi.

Wara li is-sidien tal-gabbani ġew infurmati b'dan jew fehmu ħażin jew ippruvaw jifhmu ħażin u minkejja li skond il-liġi il-Kunsill jista' jiddeċiedi li jbiddel, inaqqas jew iżid posti għad-deċiżjoni tiegħu. Kellha tittieħed id-deċiżjoni li din ir-rilokazzjoni tiġi posposta li issir fis-sena 2026.

Il-Kunsill Lokali Ħal Qormi iddeċieda li għal din is-sena se jmexxi bil-posti li kellhom is-sena li għaddiet. Fil-fatt is-sidien tal-gabbani kienu infurmati b'dan u l-avukat tal-Kunsill wieġeb lill avukat tal-bejjiegħa.

Kif qedin jiġu japplikaw għal permess għal festa 2025, is-sidien tal-gabbani qed jingħataw nota li mis-sena id-dieħla (2026) xi posti se jispiċċaw u minflok ser issir polza mal-

bejjiegħa kollha eżistenti, biex il-posti tal-gabbani ikunu kollha f'zona waħda, li fil-fatt diġà hija eżistenti u hemm ħafna kaxxi allokati fiha li ma jittieħdux.

Il-Kunsill ilhu snin ma jaċċettax applikazzjonijiet għall-gabbani ġodda, allura l-informazzjoni li kienu qed xerrdu xi bejjiegħa li "sidien ta' kiosk ġodda se jieħdu post dawk li ilhom jarmaw snin twal" hija inveritiera u inqdew b'informazzjoni mhux korretta biex jiġbdu simpatija.

Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju 2025, ittella avviż fil-gazzetta tal-Gvern, b'din id-deċiżjoni għal-Festa ta' Ġunju 2026 bil-lest biex ħadd ma jgħid li ma kienx infurmat.

**Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill li l-ewwel għandhom ikunu ir-residenti.

### 17.8.2 Bar fil-Pjazza tal-Vitorja (Corner Crave Take Away)

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba sabiex jintrema bar quddiem il-ħanut Corner Crave fil-Pjazza tal-Vitorja fil-ġranet tal-festa ta' San Gorg. Id-daqs tal-bar huwa ta' żewg metri bi tliet metri.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi ħadet il-parir tal-Kumitat Festi Esterni u infurmawha li ma jsibux oġġezzjoni kemm il-darba il-bar jintrema fuq il-bankina, bħal ma kien jintrema mis-sid ta' qabel u ma jiġix armat il-Ħadd filgħaxija.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv diġà infurmat b'dan lill-propjetarju tal-ħanut, iżda ma aċċettax dak id-daqs għax irid jarma bar ta' żewġ metri bi tliet metri.

Il-membri qablu li il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni li jinħareġ permess ta' bar ta' daqs ta' żewġ metri fuq il-bankina biss quddiem it-take away bl-isem Corner Crave.

### 17.8.3 Bar Qudddiem il-Klabb tal-Ħamiem fi Triq Abel J Mizzi

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba sabiex għall-ġimgħa tal-festa jibqa armat bar barra fir-rokna biswit il-Klabb tal-Ħamiem fi Triq Abel J Mizzi.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi talbet sabiex tinġieb ittra mingħand is-sid tal-garaxx fir-rokna li ma jsib l-ebda oġġezzjoni. Il-propjetarji tal-Klabb tal-Ħamiem ma ġabux din l-approvazzjoni u għaldaqstant fil-fehma tagħha ma għandux jinħareġ permess li jiġi armat bar quddiem propjetà ta' terzi għall-ġimgħa sħiħa mingħajr l-approvazzjoni tagħhom.

Il-membri qablu li il-Kunsill jagħti permess biex jintrema bar quddiem il-Klabb tal-Ħamiem stess u mhux quddiem propjetà ta' terzi. Dan il-bar jista' jintrama biss meta it-triq tkun magħluqa u cioe il-Ħamis u il-Ħadd.

### 17.8.4 Planċier Festa San Bastjan

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Soċjetà Filarmonika Pinto kif gej:

*Ninformak wkoll li bħal ma ilu isir sa mis sena 2017 li i-planċier ser jintrama fi Triq San Bastjan biswit il-Każin tas-Soċjetà. Il planċier ser jibda jintrama l Ħamis 10 ta' Lulju 2025 fl-4.00 ta' wara nofs in-nhar, għaldaqstant mil-10 ta' Lulju 2025 fl 4.00pm sal- 20 ta' Lulju 2025 11.59pm, Triq San Bastjan għandha tingħalaq fid-direzzjoni l-isfel u l fuq minn quddiem Florence Bar. Triq San Bastjan mid-direzzjoni tal-Kunsill Lokali sa Triq San Ġużepp tista tibqa miftuħa għall-karozzi żgħar u jkunu jistgħu iduru għal Triq San Ġużepp (ovjament dan ma jgħoddx għal vetturi kbar u trasport pubbliku).*

Il-membri qablu li il-Kunsill japprova it-talba tas-Soċjetà Filarmonika Pinto sabiex il-planċier jintrama fid-dati mitluba, iżda għandu jitneħħa il-parkeġġ fi Triq il-Knisja Arċipretali bejn Vastara u id-Dernis għal dawk il-ġranet.

### 17.8.5 Bejgħ ta' ikel minn quddiem il-Każini tal-Baned.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda Muzikali San Gorg Martri u mill-Għaqda Soċjo-Mużikali Anici sabiex fil-ġranet tal-festa jarmaw stand bl-ikel f'Misraħ Manwel Farrugia u Triq Dun Ġwakkin Schembri rispettivament.

Il-membri qablu li il-Kunsill jagħti permess biex jintremgħu stands tal-ikel fil-lokazzjonijiet imsemmija.

### 17.8.6 Mobile Toilets fil-ġenb tal-Kappella fi Pjazza San Frangisk

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda Muzikali San Gorg Martri sabiex bħas-snin l-imgħoddija jitpoġġew żewġ mobile toilets mal-ġenb tal-Kappella fi Pjazza San Franġisk fil-ġranet tal-festa ta' San Ġorġ.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv hi tal-fehma li jekk il-Kunsill japprova tali deċiżjoni, ma nneħħux l-aċċess tal-użu tal-latrina fi Sqaq Żenqa bil-cleaner magħha, speċjalment fil-ġranet tal-Ħamis u tal-Ħadd filgħodu.

Il-membri qablu li il-Kunsill jordnaw żewġ mobile toilets mal-ġenb tal-Kappella fi Pjazza San Franġisk fil-ġranet tal-festa ta' San Ġorġ.

**Il-Kunsillier Daniel Ablett** ġibed l-attenzjoni biex il-mobile toilets li il-Kunsill jikri fejn il-ħwienet ta' viċin il-knisja għandhom jitqassmu tnejn naħa u tnejn fuq naħa oħra.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** issuġġerixxa sabiex il-mobile toilet fejn Klabb tal-Ħamiem isir aktar l-isfel fi Triq in-Nutar Antoine Agius.

## 17.8.7 Vetturi bla liċenzja mitluqa li ġew miġbura minn Ħal Qormi

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li fid-29 u il-31 ta' Mejju 2025 inġabru 8 vetturi u mutur li kienu bla liċenzja fiż-żona tal-Ħandaq u li dehru b'avviż fuq il-gazzetta tal-gvern ta' nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju 2025.

**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** ikkonferma ma' Tax-Xelinu Towing Service Compound li ħadd għadu ma mar jiġbor xi vettura min dawn id-9 li ġew miġbuda. Dan għalhekk jikkonferma li dak li intqal fuq il-media soċjali li xi vetturi inġabru u reġgħu intefgħu il-Ħandaq, kienet misinformazzjoni.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** f'isem il-Kunsilliera u ir-residenti Qriema jirringrazzja lill-Pulizija tal-Komunità li ikkordinaw din il-ħidma.
**Il-Vici Sindku Xandru Mallia** talab li isir appuntament mal-LESA sabiex jitlob li f'ċertu ħinijiet jiġu uffiċċjali bl-ispeed guns f'toroq partikolari f'Hal Qormi.

**Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** staqsiet kif sar il-ftehim max-Xelinu.

**Il-Viċi Sindku Xandru Mallia** spjega kif il-Kunsill mhu qed iħallas xejn ħlief l-avviż fuq il-gazzetta tal-Gvern.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento semma li kull yard owner jista' jipprovdi dan is-servizz. Importanti li jkollu spazju ta' parkeġġ ghall 30 ġurnata u jkun jaħdem matul il-ġurnata kollha mhux bi nhar biss.

## 17.8.8 Ġnejnet John Laus

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li waqt is-serata ta' inawgurazzjoni tal-mafkar ta' John Laus ġiet murija ix-xewqa mid-dilettanti tal-makjetti u l-għana li il-Ġnejna fejn hemm il-mafkar ta' John Laus, tiġi imsejjħa għall-Għannej u Makjettist John Laus.

Il-membri qablu li il-Ġnejna fejn hemm il-mafkar ta' John Laus tibda tissejjaħ Ġnejnet John Laus.

17.8.9 **Frankie Agius – Tiġdid ta' impjieg**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li is-Sur Frankie Agius ħaddiem tal-RSS assenjat mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi qed juri ix-xewqa li jerġa iġedded l-impjieg tiegħu mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi għal-sena oħra, dan minħabba li f'Awwissu is-Sur Agius se jagħlaq l-età ta' 66 sena.

Il-membri qablu li il-Kunsill jitlob l-awtorizzazzjoni tad-Dipartiment biex għal sena oħra japprova li jiġedded u iħallas il-paga tas-Sur Agius.

17.8.10 **Talba għall No Objection mill-Għaqda tan-Nar 26 ta' Lulju Santa Venera**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba għal No Objection mill-Għaqda tan-Nar 26 ta Lulju Santa Venera, sabiex nhar il-Ħadd 27 ta' Lulju mis- 19.00 sa 20.00 u mid-21.00 sa 22.00 tkun tista' tingħalaq parti mill-Bypass tal-Mrieħel minħabba il-ħruq tal-murtali tal-festa ta' Santa Venera. Mrieħel Bypass hija waħda mit-toroq arterjali fost lista ta' toroq li se jkunu magħluqa f'dawk il-ħinijiet.

Il-membri qablu li il-Kunsill jagħti l-approvazzjoni tiegħu li f'dawn il-ħinijiet il-Bypass tal-Mrieħel tkun tista' tingħalaq għat-traffiku.

17.8.11 **Open Air Gym Triq il-Belt Valletta**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill ġab stima għat-tiswija tas-seats tal-open air gym fi Triq il-Belt Valletta viċin il-ground. L-istima biex jinbidlu is-sidien hija ta' €520 inkluż il-vat. Magħhom irrid nagħmlu xi ftit żebgħa u l-area terġa tkun tista' tintuża.

Il-membri qablu li jinbidlu is-seats u isir ftit tisbiħ fl-open air gym ta' fejn il-ground.

17.8.12 **Toqob għal-arbli tan-nar tal-art fi Pjazza tat-Tribuna**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva talba mill-Għaqda tan-Nar San Sebastjan sabiex isiru 5 toqob fil-pjazza (fejn jinħaraq in-nar tal-art fil-festa). Dawn it-toqob qed jintalbu peress li ser isir xi tibdil fin-nar tal-art bħala qisien u strutturi. Għalhekk jkun hemm bżonn li jintramaw f'postijiet ġodda sabiex kollox jkun armat sigur kemm strutturalment kif ukoll għas-sigurtà tal-volontarji u tal-ispettaturi.

Il-membri qablu li il-Kunsill japplika għal-permessi ta' Transport Malta u jagħmel dawn it-toqob mitluba permezz tal-kuntrattur tal-Kunsill.

**17.8.13 Pjazza San Frangisk fejn il-Madonna ta' Lourdes**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** poġġa fuq il-mejda kopja tal-Pjanta Proposta għat-Tisbieħ ta' Pjazza San Franġisk madwar il-Madonna ta' Lourdes, liema pjanta kienet ukoll ċċirkulata lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li jekk possibbli jiżdiedu żewġ parkeġġi fi Triq Santa Katerina.

**17.8.14 Proposta għall-5-a-side Football Pitch**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill Lokali Ħal Qormi rċieva korrispondenza mingħand is-Sur Terence Agius fejn informa li hu interessat li jirrinova il-5-a-side football pitch f'padel Court, b'mod speċjali biex jintuża mill-komunità Qormi.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li il-kunsill ma jaċċettax din il-proposta għaliex il-Kunsill għandu proposti oħrajn x'jista' isir hemmhekk.

Il-Kunsillier Daniel Ablett talab sabiex il-Kunsill jiċċekkja ta' min hi l-art wara il-ground biex jekk hi ta' Paul Magri jinġieghel inaddaf din il-parti u jekk hi pubblika titnaddaf u tintuża mir-residenti.

**17.8.15 Kostruzzjoni ta' winery fiż-żona ta' Għar Ram**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali rigward permess ta' żvilupp kif ġej:

Official project description and location:
*PA 3300/24 - Construction of a winery facility, spread over approximately 30,000sqm. Development to include the construction of a 190sqm above ground vernacular structure, and an underlying 1,000 sqm basement level. Proposal also includes approximately 20,000sqm of vineyard, and the planting of fruit trees over approximately 4,000sqm of soil. The proposed facility includes: vehicular circulation route around the vineyards for visitor access and heavy machinery, 13 parking spaces, cesspit, external goods lift and grapes unloading hatches, site at Field in Handaq, Sqaq ta' Għar-Ram, Handaq, Qormi*

Il-Laqgħa ta' informazzjoni pubblika ser issir nhar il-Ħamis 12 ta' Ġunju, 2025

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li is-Sindku jidħol għal din id-diskussjoni flimkien mas-Sindku ta' Ħaż Żebbuġ u jiddeċiedu min hemm x'isir.

**17.8.16 Żvilupp fi Triq il-Bajjada Ħal Qormi**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Emmanuel Zammit rigward permess ta' żvilupp PA/03098/25. Is-Sur Zammit qed jitlob li il-Kunsill joġġezzjona għal dan l-iżvilupp.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li ġaladarba din il-binja qeda fiż-żona tal-iżvilupp, il-Kunsill ma għandux għalfejn joġġezzjona.

**17.8.17 Kawża POG**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li il-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand l-avukat tal-Kunsill rigward pagament fuq il-Kawża tal-POG.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie deċiż li id-Deputat Segretarju Eżekuttiv tkellem l-avukat li bagħtet din il-korrispondenza sabiex tiċċara il-pożizzjoni tal-Kunsill qabel jiġu iffirmata id-dokumenti mitluba dan minħabba li il-kawża kienet mirbuħa mill-Kunsill.

**17.8.18 Sejħa biex timtela l-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li minħabba policy ġdida li daħlet fis-seħħ minn Mejju 2025, il-bord biex jagħmel l-intervisti għall-pożizzjoni ta' Segretarju Eżekuttiv irid ikun magħmul minn Chairperson u żewġ membri ilkoll maħtura minn fost il-membri tal-istess Kunsill Lokali.

Għaldaqstant is-Sindku jinforma li hu se jkun ic-Chairperson u se jaħtar lill-Kunsilliera Ralph Puli u Fiona Borg Lewis sabiex ikunu membri tal-bord.

Id-data tal-intervisti se tkun nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju 2025.

**17.8.19 Vakanza għal-Ħaddiem Manwali (Handyman) / Xufier fuq bażi full-time fi Skala 18**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li dahlu 4 cv's mingħand persuni interessati għal-Vakanza għal-Ħaddiem Manwali (Handyman) / Xufier fuq bażi full-time fi Skala 18.

Is-Sindku informa li il-bord biex jagħmel l-intervisti ser ikun magħmul minnu is-Sindku u mill-Kunsilliera Ralph Puli u Fiona Borg Lewis.

Id-data tal-intervisti se tkun nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju 2025.

**17.8.20 Ħaddiema tal-Community Workers Scheme**

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nforma li wara it-talba tal-Kunsillier Ralph Puli fis-Seduta preċedenti, id-Deputat Segretarju Eżekuttiv staqsiet lis-Sur Emil Vassallo għaliex il-Kunsilli Lokali mhux qed jingħataw ħaddiema mill-iskema.

It-tweġiba tas-Sur Vassallo kienet:

"Il-Ħaddiema tal-iskema li qed issemmi jingħataw skont kriterji varji li jinkludu:
Jekk il-Kunsill/Entita tkunx għamlet talba għalihom
Għal liema xogħol/xogħlijiet tkun it-talba
Jekk ikunx hemm ħaddiema skont il-ħtieġa"

**Il-Kunsillier Ralph Puli** talab sabiex lid-Direttur nistaqsuh x'inhuma il-kriterji li jimxi bihom, ġaladarba kunsilli iżgħar minn ta' Ħal Qormi għandhom ammont kbir ta' ħaddiema mill-istess skema.

**17.9 Ħwejjeġ Oħra**

**17.9.1** **Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab li jiġi diskuss: **Xlokk LAG - Ongoing RDP Projects.**

Is-Sur Zammit tenna li għandha issir laqgħa kemm jista' ikun malajr sabiex il-GAL Xlokk jingħataw feedback fuq il-fatturi pendenti tal-fondi mitluba.

**17.9.2** **Il-Kunsillier Doris Zammit** talbet sabiex nagħmlu appuntament meta u min se jmur jara l-bżonn tal-kaxxi sofor quddiem diversi blocks ta' appartamenti fi Vjal De la Cruz li kien qalilna bihom Dr Tano Vella. Dawn iridu jiġu diskussi mar-residenti ta' kull blokka.

Saret diskussjoni bejn il-membri u ġie maqbul li issir laqgħa mar-residenti nhar l-Erbgħa 2 ta' Lulju fis-6.00 ta' filgħaxija.

**17.9.3** **Il-Kunsillier Daniel Ablett** staqsa fuq il-linji sofor fi Triq Mifsud Ellul. Is-Sur Ablett qal li xi residenti minn dik it-triq kellmuh minħabba li applikaw sabiex isiru linji sofor tul it-triq kollha.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa lis-Sur Ablett li ġaladarba saret bankina illegali u hemm każ miftuħ il-Qorti, il-Kunsill għandu jistenna l-eżitu ta' l-istess Qorti qabel jipproċedi fuq x'għandu isir fl-istess triq.

17.9.4 **Il-Kunsillier Daniel Ablett** ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li quddiem St Rita Farm, Triq il-Wied, Ħal Qormi hemm bżonn li jinbidlu il-planki u isir aċċess ġdid għaliex l-aċċess li hemm qed jitkisser ftit ftit kull darba li ikun hemm maltemp.

17.9.5 **Il-Kunsillier Alessio Decarlo** ġibed l-attenzjoni fuq il-One Way fi Triq il-Barrakki li din għadha ma nqalbitx, filwaqt li il-linji fi Triq San Bastjan tneħħew mill-lum għal għada minn Transport Malta.

17.9.6 **Il-Kunsillier Jurgen Abela** issuġġerixxa li parti minn Triq Anici, in-naħa tal-ispiżerija għandha tiġi one way.

17.9.7 **Il-Kunsillier Jurgen Abela** ġibed l-attenzjoni fuq it-tabelli tan-No Parking li jinħargu mal-permessi minħabba li xi residenti qed iwaħħlu dawn it-tabelli mal-faċċati tan-nies bil-konsegwenza li qed jagħmlu ħsara fuq propjetà ta' terzi.

Il-membri qablu li fil-permess jinkiteb li it-tabelli iridu jinqalgħu mingħajr ħsara.

17.9.8 **Il-Kunsillier Marvin Zammit** talab lill-Kunsill sabiex jikteb lill-Transport Malta minħabba il-Pelican Crossing fejn Ta' Ganza. Dan minħabba li meta qed jagħfsuha biex jaqsmu din qed iddum biex taqleb aħmar biex ikunu jistgħu jaqsmu.

17.9.9 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet lill-Kunsill sabiex jerġa jitwaħħal il-bank fi Triq il-Wied.

**Il-Kunsillier Jurgen Abela** informa lis-Sinjura Cassar Sghendo li sid ta' garaxx fejn kien dan il-bank ma jkunx jista' jimmanuvra il-vettura tiegħu sewwa jekk jitwaħħal il-bank.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv talbet lis-Sinjura Cassar Sghendo sabiex timmarka fejn trid li jerġa jitwaħħal il-bank, sabiex jiġi mitkellem sid il-garaxx biex jikkonferma jekk jostakolax l-aċċess tiegħu.

17.9.10 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet sabiex il-Kunsill jikteb lill BOV minħabba li l-ATM ta' Farżina tkun spiss ma taħdimx.

17.9.11 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-Kunsill li fis-26 ta' Ġunju hemm quddiesa għal-persuna bi bżonnijiet speċjali u talbet sabiex il-Kunsill jipprovdi tabelli tan-No Parking biex ikunu jistgħu jipparkjaw il-vannijiet viċin il-Knisja ta' San Ġorġ.

17.9.12 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** talbet lill-Kunsill sabiex jikteb lill-Kurja biex jingħata permess li issir strippa ta' bankina fi Triq tal-Bajjada bejn Triq Mikiel Anton Vassalli u Triq l-Aħwa Zammit.

17.9.13 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** infurmat lill-Kunsill li il-kors tal-Young Enterprise ser jagħti sussidju ta' 25 euro kull familja minn Ħal Qormi mhux 25 euro kull darba li jużaw il-Kunsill kif ġie infurmat il-Kunsill f'seduta preċedenti.

17.9.14 **Il-Kunsillier Elke Cassar Sghendo** staqsiet fuq il-ħlasijiet tal-kontijiet tal-ARMS.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** informa lis-Sinjura Cassar Sghendo li il-Kunsill diġà iddeċieda li il-Kunsill jaċċetta jekk il-Kunsill ikollu staff biżżejjed u uffiċċju li jagħti sigurtà lill-ħaddiema.

17.9.15 **Il-Kunsillier Fiona Borg Lewis** infurmat lill-membri li il-Kunsill rebaħ fondi sabiex jorganizza attività bħala parti mill-iskema Minn Pjazza għal-Pjazza.

**17.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fl-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 8 ta' Lulju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati llum, ***8 ta' Lulju 2025***.

| | |
|---|---|
| Josef Masini Vento (Dr) | Marilyn Baldacchino Gatt |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |